Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.25am

**15.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

15.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

15.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti ta' l-Erbatax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

15.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**15.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

15.3.1 Is- Sindku ta update tal-proġetti li għaddejjin bħalissa mill- Kunsill

15.3.2 Is- Sindku talab li tinkiteb ittra ta' twissija lil propjetarji tal-gabbana li tinsab fi Gnien Howard rigward it-tindif ta' madwar l-area allokata lilu biex qabel ma jagħlaq filgħaxija titnaddaf l-area.

15.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li mar ikellem lil xi sidien ta' stabillimenti kummerċjali li ta' spiss qed joħorġu fit- triq ruxmata kaxxi tat-tagħbija ta' stock li jkun iddaħħal li qed ikunu ta' ostaklu biex dawn il-kaxxi, jinzammu ġewwa l-ħanut sakemm isir il-ġbir.

**15.4 Rapport Finanzjarju għat- Tlett Xhur April sa Ġunju 2025**

15.4.1 Dan ir-rapport ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss minħabba li ma gewx konkluzi għadhom mill-accountant tal-Kunsill

**15.5 Business Plan 2025-2029**

15.5.1 Dan ir-rapport ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss minħabba li ma gewx konkluzi għadhom mill-accountant tal-Kunsill

**15.6 BBQ- Jum L-Mdina**

15.6.1 Is-Sindku infurma lil- Kunsill li bħala caterer għal dan il-BBQ ser jitqabbad Neriku Caterers u l-prezz ġie ffissat għal € 45. S'intendi bħal kull sena ġew invitati xi persuni distinti bħal Sindki li jiffurmaw ir- Reġjun tal-Punent u Segretarju Parlamentari.

**15.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

15.7.1 DLG- Espressjoni ta' interess- Informative Signage on Cannabis Use in Public Spaces. Il-Kunsill ha nota ta' din il-korrispondenza.

15.8.2 OPR- Talba mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta biex nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru 2025 tiġi organizzata Car Show ġewwa Pjazza San Pawl b'risq il-Community Chest Fund. Il-Kunsill approva.

**15.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

15.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 20 ta' Awwissu 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 27,975.42

15.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**15.9 Tmiem tal- Laqgħa**

15.9 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 10.30am u ġiet aġġornata għal-15 ta' Settembru 2025 fit-10.15am.

FFIRMATI

_______________________
Peter Sant Manduca
Sindku

FFIRMATI

_______________________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 15 ta' Settembru 2025